**Stqarrija għall-Istampa**
**27 ta' Jannar 2012**

# Tiġi użata s-sistema ta' ttestjar u ta' prova

### Tingħata l-ewwel liċenzja lill-kumpanija Norveġiża Aeromobile AS għat-twettiq ta' testijiet f'Malta

Ilbieraħ, l-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni (MCA) tat liċenzja lill-kumpanija Norveġiża Aeromobile AS biex tuża spettru tal-frekwenzi tar-radju, u tagħmir tar-radjokomunikazzjoni relatat, għat-twettiq ta' testijiet f'Malta fuq prodotti innovattivi li jużaw il-frekwenzi tar-radju. Dawn il-frekwenzi tar-radju se jintużaw biex jitwettqu testijiet tal-installazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni ta sistemi mingħajr fili, li jintużaw biex jiġu pprovduti servizzi ta' komunikazzjoni mobbli abbord l-ajruplani waqt it-titjiriet. Dawn is-sistemi ser jiġu ittestjati fuq ajruplani fil-faċilitajiet tal-SR Technics Hal Luqa.

'L-MCA bi pjaċir tinnota li s-sistema ta' ttestjar u ta' prova għal teknoloġiji u servizzi bbażati fuq l-ispettru tal-frekwenzi bdiet trendi r-riżultati mixtieqa', stqarr l-Inġinier Philip Micallef, iċ-*Chairman* Eżekuttiv tal-Awtorità. 'Illum, is-servizzi mobbli abbord l-ajruplani saru realtà, u hemm numru dejjem ikbar ta' linji tal-ajru li qed joffru servizzi ta' dan it-tip. Fis-snin reċenti, Malta kompliet issaħħaħ ir-reputazjoni tagħha bħala ċentru reġionali għal manutenzjoni fis-settur tal-avjazzjoni u għalhekk ninsab sodisfatt ferm li l-ewwel liċenzja għall-ittestjar u l-prova nħarġet f'dan is-settur.

Kumpaniji internazzjonali li joperaw f'setturi b'valur miżjud għoli ta' dan it-tip japprezzaw l-opportunitajiet uniċi li tista' toffri Malta, u qed jagħżlu lil Malta bħala l-post preferut tagħhom biex jittestjaw teknoloġiji ġodda'. Huwa kompla jgħid li 'dan għandu impatt pożittiv fuq l-industriji anċillari lokali.'

Din il-liċenzja għall-ittestjar hija l-ewwel liċenzja ta' dan it-tip li qatt inħarġet mill-Awtorità. Din is-sistema ta' liċenzjar tiffaċilita l-aċċess għall-ispettru għal teknoloġiji u servizzi li għadhom fl-istadju ta' żvilupp permezz tal-introduzzjoni ta' proċedura ta' liċenzjar aċċelerata, u ta' kundizzjonijiet u miżati ta' liċenzjar attraenti.

Il-pożizzjoni ġeografika ta' Malta toffri opportunità unika lill-kumpaniji lokali u internazzjonali biex jittestjaw teknoloġiji innovattivi u implimentazzjonijiet ta' servizzi fuq skala nazzjonali bi spejjeż minimi. B'hekk, dan il-mudell ta' liċenzjar jitqies bħala li hu propożizzjoni attraenti ħafna għal kumpaniji li qegħdin jiżviluppaw soluzzjonijiet teknoloġiċi fil-qasam tas-sistemi mingħajr fili.

Għal aktar tagħrif dwar l-iskemi ta' liċenzjar għall-ittestjar u l-prova, u għall-formoli ta' applikazzjoni relatati, żur il-websajt tagħna http://www.mca.org.mt, jew ibgħat *email* fuq info@mca.org.mt.